# QORTI KOSTITUZZJONALI

**IMHALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMHALLEF SILVIO CAMILLERI**
**ONOR. IMHALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**ONOR. IMHALLEF NOEL CUSCHIERI**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha 25 ta' Novembru 2016**

**Numru 1**

**Rikors numru 18/16 AF**

**Ganni Attard**

**v.**

**L-Avukat Generali, il-Kummissarju tal-Pulizija, u**
**Direttur Generali tal-Veterinary and Phyto Sanitary Regulation.**

**Il-Qorti:**

**Preliminari**

1. Dan huwa appell maghmul mir-rikorrenti minn digriet [id-digriet appellat] moghti mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili, fil-kompetenza kostituzzjonali taghha, fit-28 ta' April 2016 li permezz tieghu dik il-Qorti

laqghet, taht il-kondizzjonijiet minnha indikati fl-istess digriet, it-talba tar-rikorrent ghas-sospensjoni tal-ezekuzzjoni “tad-decizjoni tad-Direttur Generali [intimat] li permezz taghha giet ordnata l-qatla tan-naghag tal-esponenti pendent l-ezitu ta’ dawn il-proceduri..”.

**Id-Digriet Appellat**

2. Permezz tal-imsemmi digriet l-ewwel Qorti pprovdiet hekk:

> “Tipprovdi billi tordna illi pendenti dawn il-proceduri Kostituzzjonali odjerni:
>
> “1) Il-bhejjem kollha proprjetà ta’ Ganni Attard ghandhom jigu identifikati u *tagged* kemm elettronikament kif ukoll permezz ta’ “*ear tagging*”;
>
> “2) Il-bhejjem maskili ghandhom jigu kollha sterilizzati;
>
> “3) Il-halib kollu li tipproduci l-merhla ghandu jingabar kuljum minn rapprezentant tad-Dipartiment veterinarju. Dan il-halib ghandu jigu meqrud mill-istess Dipartiment u mormi skond regolamenti vigenti dwar skart ta’ din ix-xorta;
>
> “4) Ghandu jsir kontroll elettroniku tal-merhla kollha minn rapprezentant tad-Dipartiment darba fix-xahar;
>
> “5) F’kaz ta’ mewt ta’ xi bhima, il-karkassa ghandha tinqered biss bl-awtorità tad-Dipartiment intimat. F’kaz li jkun hemm bzonn li tinqatel xi bhima, dan ghandu jsir bl-awtorizzazzjoni tad-Dipartiment, fid-dipartiment tal-Biccerija attrezzat apposta jew fejn indikat mir-rapprezentanti tad-Dipartiment;
>
> “6) Il-merhla ghandha tinzamm f’ambjenti regolarment licenzjati skond il-ligi ghat-trobbija tal-annimali.
>
> “Dan kollu ghandu jsir unikament a spejjez ta’ Ganni Attard li sabiex jiggarantixxi l-hlas tal-istess spejjez qieghed jigi ordnat jipprezenta garanzija bankarja fl-ammont ta’ €10,000”.

> "Fin-nuqqas li r-rikorrenti jonqos milli jottempera ruhu ma xi wahda mill-fuq elenkati ordnijiet fi zmien xahrejn mil-lum, il-Qorti tirrizerva li tipprovdi ulterjorment.

**L-Appell**

3. Permezz tal-appell odjern ir-rikorrent [appellant] qed jitlob li din il-Qorti tvarja d-digriet appellat fis-sens li, filwaqt li tikkonferma l-ewwel [1] u r-raba' [4] kondizzjoni thassar l-kondizzjonijiet elenkati bin-numri tnejn [2], tlieta [3] u hamsa [5], kif ukoll il-kondizzjoni li l-istess rikorrent ghandu jipprezenta garanzija bankarja fl-ammont ta' €10,000 u li l-ispejjez ikunu a kariku tieghu; bl-ispejjez kontra l-intimat appellat.

4. Huwa qed jibbaza l-appell tieghu fuq l-aggravju li l-ewwel Qorti imponiet numru ta' kondizzjonijiet "ferm iebsa u bla bzonn" li bihom il-pozizzjoni tieghu ser tkun pregudikata. Ir-rikorrent jaghmel is-segwenti sottomissjonijiet in sostenn tal-aggravju tieghu.

5. [1] Illi l-kondizzjoni li n-naghag ghandhom jigu kollha sterilizzati hija, kemm minghajr gustifikazzjoni fattwali jew legali, kif ukoll hija azzjoni irreversibbli li tippregudika lir-rikorrent b'mod sproporzjonat ghax jekk isir hekk, l-imtaten ma jibqghu tajbin ghal xejn.

6. Huwa jsostni li l-merhla effettivament qeghda tonqos u mhux tizdied, kif ghandu jirrizzulta mill-ezami tat-tags imwahhlin fuq kull

naghga. Jghid li bl-isterilizzazzjoni tal-imtaten il-merhla hija destinata li tispicca darba ghal dejjem stante li ma hemmx rigenerazzjoni taghha.

7. [2] Jghid li "f'kazijiet ohra simili, fejn instabu annimali minghajr *ear-tag* fil-kaz ta' Michaelangelo Zammit, in-naghag ittiehdilhom id-demm minhabba t-testijiet tal-*brucellosis* [deni irqiq] kif normalment isiru u wara twahlitilhom l-*ear-tag* fl-istess hin u [n-naghga] ddahlet fis-sistema eletronika". Isostni li, ghal kuntrarju ta' dak li qed jigri fil-kaz tieghu, fil-kaz tal-imsemmi Michaelangelo Zammit il-Qorti tal-Magistrati [Ghawdex] bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali ma ordnatx li jigu sterelizzati l-bhejjem masikili u dawn ghadhom hemm sal-lum.

8. Jissenjala li fit-18 ta' Mejju 2016 n-naghag kollha gew *ear-tagged* mid-Dipartiment u ghalhekk illum il-kondizzjoni relevanti fid-digriet appellat tinsab sodisfatta u d-Dipartiment jaf kemm il-naghga hemm fir-razzett tar-rikorrent. Izda, minkejja li l-annimali gew *ear-tagged* id-Dipartiment naqas milli jiehu l-kampjuni tad-demm sabiex isiru t-testijiet li solitu jsiru mid-Dipartiment biss u ghas-spejjez tieghu "kif dejjem gara u ghadu jigri sallum" u dan, sabiex id-Dipartiment jizgura li t-testijiet huma korretti.

9. [3] Ir-rikorrent jilmenta wkoll minn dik il-kondizzjoni li permezz taghha l-halib kollu li tipproduci l-merhla ghandu jingabar mid-

Dipartiment sabiex jigi distrutt. Hu jsostni li dan il-halib li tipproduci l-merhla qed jintuza biss sabiex jixorbu l-hrief li, minghajr il-halib tal-omm, jimirdu u jmutu. Dan imur kontra l-harsien tal-annimali u jwassal ghal maltrattament tal-bhejjem zghar.

10. [4] Rigward il-kondizzjoni numru 5, ir-rikorrent jilmenta li, is-soltu mal-mewt ta' xi bhima mill-merhla, rahhala ohra jkunu huma stess li jiehdu l-karkassa tal-bhima fil-biccerija sabiex tinharaq hemm u mhux hekk kif elenkat fid-digriet appellat. Ghalhekk, skont hu din il-kondizzjoni tinkorri lir-rikorrent fi spejjez zejda u b'hekk jghid li "dan ipoggih fi pregudizzju serju".

11. [5] Dwar il-kondizzjoni numru 6, ir-rikorrent jilmenta li hu kienu ilu sa mit-2 ta' Dicembru 2012 li pprezenta applikazzjoni mal-MEPA sabiex jirregolarizza r-razzett tieghu skont ir-regolamenti tal-Unjoni Ewropea, izda "minhabba raguni banali tat-tobba veterinarji" u, minkejja diversi talbiet mill-perit u mill-avukat imqabbdin mir-rikorrent "sabiex [il-MEPA] tapprova l-pjanti tar-razzett ghall-ipprocessar tal-applikazjoni u l-post jigi regolarizzat, ma jridux jaghtu l-approval necessarju." u dana, minkejja li d-Dipartiment tas-Sanita ilu zmien li ta l-approvazzjoni tieghu. Ir-rikorrent jattribwixxi d-dewmien fl-ipprocessar tal-applikazzjoni tieghu ghall-agir tad-Direttur intimat. Huwa jkompli jissottometti li n-nuqqas ta' licenzjar tar-razzett tieghu m'ghandux jigi attribwit lilu li ghamel dak kollu

mistenni sabiex jottjeni l-approvazzjoni, izda huwa n-nuqqas da parti tal-istess Direttur li “qieghed kontinwament jaghmel il-bsaten fir-roti biex il-post ma jigix regolarizzat”.

12. [6] Dwar l-ordni kontenuta fid-digriet appellat li t-twettieq tal-kondizzjonijiet kollha ghandu jsir unikament ghas-spejjez tar-rikorrent li ghandu wkoll jaghmel garanzija bankarja fl-ammont indikat fid-digriet sabiex jiggarantixxi l-hlas tal-ispejjez, ir-rikorrent jirribadixxi li, kemm il-procedura tal-*ear tagging*, kif ukoll il-kontroll elettroniku tal-merhla, isiru dejjem bi spiza tad-Dipartiment u qatt a spejjez tar-rahhal. Din il-parti tad-digriet taghti lok ghal abbuz stante li d-Dipartiment jista’ jitlob minghandu hlas ta’ spejjez ezorbitanti.

13. Inoltre, dwar il-garanzija bankarja, jghid li din il-kondizzjoni ma kellhiex tigi imposta “ghaliex il-Gvern stess huwa responsabbli skont il-ligi, ir-regolamenti u d-direttivi ewropej mit-testijiet ta’ kull animal f’Malta”. Huwa obbligu tat-tobba veterinarja addetti mad-Dipartiment li jzommu taht ghajnejhom kull animal li jkun ittestjat ghal kull mard li jidhirlu hu, dejjem bi spejjez tal-Gvern hekk kif dejjem gara s’issa.

14. Minn naha taghhom l-intimati jirribattu ghas-sottomissjonijiet tar-rikorrenti bil-mod segwenti u qed jitolbu li ghall-istess ragunijiet segwenti l-appell ghandu jigi michud.

15. Preliminarjament l-intimati jissollevaw li r-rikors tal-appell gie pprezentat *fuori termine* stante li ai termini tal-Artikolu 229 [6] tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili l-perijodu stipulat mill-ligi ghall-prezentata tar-rikors tal-appell huwa ta' 6 ijiem mid-data li l-appellant jinghata permess mill-ewwel Qorti sabiex jappella minn digriet li huwa ta' natura interlokutorju. L-intimati jispjegaw li fil-kaz odjern, filwaqt li l-permess ghal appell inghata fit-23 ta' Gunju 2016, ir-rikors tal-appell gie prezentat fit-13 ta' Lulju 2016 u ghalhekk, wara l-iskadenza tat-terminu legali.

16. Fil-meritu l-intimati jibdew jissenjalaw li r-rikorrent la hu registrat bhala rahhal mal-awtoritajiet kompetenti, la rregistra skont il-ligi n-naghag in kwistjoni u kien qed izomm merhla ta' naghag mhux f'post licenzjat ghal dak l-iskop. Jissenjalaw li:

> "Ir-registrazzjoni tal-annimali hija wahda essenzjali sabiex tinzamm tracca tal-annimali u kontroll ghal dak li jirrigwarda mard li jista' jigi trasmess b'mod genetiku. Tali traccjabilita' tipproteggi l-katina tal-ikel u s-sahha pubblika. Is-suspett ta' mard huwa impernjat fuq il-fatt li hemm nuqqas ta' traccjabilita' tal-annimali gja ladarba l-appellant ma rregistrax ruhu [u] il-post fejn kien qieghed irabbi l-annimali [mhuwiex licenzjat] kif rikjest mill-ligi ….. ghalhekk il-mizura li ttiehdet mid-Direttur Generali appellat kienet wahda necessarja fl-interess pubbliku u biex tigi mhsarsa s-sahha pubblika".

17. Fid-dawl tal-premess isostnu li mhux minnu dak sostnut mir-rikorrent li l-kondizzjoni numru 2 dwar l-isterilizzazzjoni hija wahda "ferm iebsa u bla bzonn". Ladarba r-rikorrent dahal fi stat ta' illegalita`

kontinwa, bil-ksur tal-ligi kif fuq spjegat, l-attivita` li r-rikorrent jkompli jrabbi n-naghag tikkostitwixxi theddida ghas-sahha pubblika u, ghalhekk, huwa importanti li l-kondizzjonijiet ordnati jigu attwati proprju sabiex il-problema ma tkomplix tikber u taggrava ruhha. Dawn il-kondizzjonijiet huma ta' buon sens intizi sabiex pendent l-proceduri odjerni s-sitwazzjoni tan-naghag tkun kemm jista' jkun ikkontrollata u sorveljata mill-awtoritajiet u, b'mod partikolari il-kondizzjoni numru 2 hija necessarja sabiex jigi evitat li jkomplu jitwieldu aktar annimali li ma jistghux jigu registrati mill-awtoritajiet kompetenti bir-riskju kbir li dawn jiddahhlu fil-katina tal-ikel.

18. Rigward il-pendenza li r-rikorrent ghandu mal-MEPA dwar l-approvazzjoni tar-razzett, l-intimati jissenjalaw li l-MEPA m'ghandhiex bzonn l-approvazzjoni tad-Direttur Generali sabiex tiddeciedi jekk tapprovax l-applikazzjoni tar-rikorrenti u l-post ghadu mhux approvat ghax ir-rikorrent ma segwiex il-procedura li tirrikjedi l-MEPA. Di fatti minn dokument anness mar-risposta jirrizulta li fid-19 ta' April 2016 il-perit u l-avukati tar-rikorrent gew informati li kien hemm bzonn li r-rikorrent jerga' japplika mill-gdid u jaderixxi ruhu mal-procedura korretta sabiex eventwalment l-applikazzjoni tieghu tigi kkonsidrata mill-imsemmija awtorita`.

19. Rigward l-allegazzjoni tar-rikorrent li fil-kaz ta' rahhala ohra d-Dipartiment mexa' mod iehor billi, wara li ttiehdu l-kampjuni minn naghag mhux registrati, twahhlet l-*ear tag* ma' kull naghaga, l-intimati jissottomettu li kull kaz ghandu l-fattispecie partikolari tieghu li fuqhom trid tittiehed decizjoni. Fil-kaz de quo l-ewwel Qorti ghamlet il-valutazzjonijiet legittimi taghha u waslet ghall-konkluzjoni li tilqa' t-talba tar-rikorrent b'numru ta' kondizzjonijiet li huma ragjonevoli u proporzjonati meta tigi kkonsidrata li l-attivita` tar-rikorrent hija wahda illegali.

20. Dwar l-impozizzjoni tal-garanzija bankarja ghall-hlas tal-ispejjez li qed isiru mid-Dipartiment biex isir dak ordnat mill-ewwel Qorti fid-digriet appellat, l-intimati jghidu li din l-impozizzjoni hija wahda ragjonevoli sabiex jigi assikurat li dak ordnat mill-Qorti jitwettaq u b'hekk jitnaqqas ir-riskju li naghag mill-merhla jew halib taghhom jispiccaw fil-katina tal-ikel bi pregudizzju ghas-sahha pubblika.

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**

21. Rigward il-punt proceduruali sollevat mill-intimati rigwardanti r-ritwalita` o meno tar-rikors in dizamina, din il-Qorti tirribadixxi li "….. peress li ġie stabbilit li d-digriet in kwistjoni ingħata skont l-Artikolu 4(2) isegwi li kif dispost fis-subartikolu (4) tal-istess artikolu l-parti interessata

fl-istess proċediment għandha dritt ta’ appell quddiem din il-Qorti. In vista tal-fatt li [il-Konvenzjoni Ewropea] tipprovdi li l-appell f’dan il-każ huwa dritt tal-parti dan ma jistax ikun suġġett għall-permess tal-Prim’Awla tal-Qorti Ċivili u għalhekk dak provdut fl-Artikolu 4(4) [tal-Kap. 319] jipprevali fuq dak dispost fl-Artikolu 229 tal-Kap. 12”. [Q.Kos. 83/2012 **Ryan Briffa v. Avukat Generali**, deciza 13 ta’ Gunju 2013].

22. Fi kliem iehor id-digriet li minnu qed jappella r-rikorrenti huwa digriet ta’ rimedju li jmiss id-dritt fundamentali li jaqa’ taħt liġi speċjali, jigifieri l-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropea li fl-Artikolu 4(4) jipprovdi li fi proċedimenti quddiem il-Prim’Awla tal-Qorti Ċivili skont l-istess artikolu kull parti ghandha dritt ta’ appell quddiem din il-Qorti.

23. Ghaldaqstant il-punt sollevat mill-intimati fis-sens li r-rikors tal-appell huwa null ghax prezentat fuori termine huwa legalment insostenibbli tenut kont li d-digriet appellat ma jistax jitqies bhala digriet interlokutorju dixxiplinat bl-Artikolu 229 tal-Kodici ta’ Organizzazzjoni u Procedura Civili.

24. Fil-mertu din il-Qorti tibda bl-osservazzjonijiet segwenti li fuqhom ser tibbaza l-gudizzju odjern.

25. [1] Illi s-sitwazzjoni li llum huwa fiha l-appellant holoqha huwa stess, principalment bil-fatt li kienet ghazla tieghu li ma jirregistrax il-merhla mertu tal-kawza u, sekondarjament bil-fatt li hu ghazel li ma jirregistrax lilu nnifsu bhala rahhal u wkoll li naqas milli, qabel ma beda din l-attivita` tieghu, jikseb id-debita approvazzjoni mill-awtorita` kompetenti sabiex il-post li fih tinsab il-merhla jkun registrat ghal dak l-iskop. Fid-dawl ta' dan, mhuwiex skorrett li jinghad li, fil-prezent, l-attivita` li jiggestixxi l-appellant bhala rahhal tan-naghag hija totalment priva minn bazi legali.

26. [2] Illi n-nuqqas tar-registrazzjoni tal-merhla skont il-ligi jikkreja s-suspett li l-annimali jistghu jkunu morda jew ikunu jgorru l-mard.

27. [3] Illi ghandu jirrizulta car li f'dan il-kaz, konsidrat fid-dawl tan-numru kbir tal-merhla, l-esigenza li tigi protetta s-sahha pubblika billi jigi assikurat li l-ebda wiehed minn dawn l-annimali ma jithallat ma' merhliet ohra jew b'xi mod jidhol fil-katina tal-ikel ghal konsum uman, tirrizulta manifestament qawwija.

28. Ferm il-premess, din il-Qorti ser tghaddi sabiex tezamina l-meritu tal-aggravji tal-appellant bazati fuq is-sottomissjoni principali tieghu li l-kondizzjonijiet imposti mill-ewwel Qorti fid-digriet appellat huma "ferm iebsa u bla bzonn". Din il-Qorti, filwaqt li taqbel li l-kondizzjonijiet huma

iebsin tenut kont ukoll tan-numru kbir ta' annimali involuti, mhijiex tal-fehma li l-kondizzjonijiet huma bla bzonn. Barra minn hekk ser tezamina wkoll jekk il-kondizzjonijiet imposti jghaddux it-testijiet tar-ragjonevolezza u tal-proporzjonalita`. Fir-rigward huma relevanti s-segwenti konsiderazzjonijiet.

29. [1] Illi l-isterilizzazzjoni tal-imtaten ma tistax titqies bhala kondizzjoni bla bzonn jew irragjonevoli. Dan qed jinghad tenut kont tan-numru kbir tal-merhla, kif ukoll li tigi eliminata kemm jista' jkun li xi annimali minn dik il-merhla jithallew jithalltu ma' naghag ta' merhliet ohra. Barra minn hekk, l-isterilizzazzjoni tal-imtaten telimina l-possibbilita` li titkabbar il-merhla suspettuza tul il-pendenza tal-proceduri odjerni. Dawn il-fatturi jibqghu jissussistu minkejja li l-annimali twahhlulhom l-*ear tags* ghax minkejja dan xorta wahda tibqa' l-possibilita` li xi annimali minn din il-merhla jithalltu ma' merhliet ohra.

30. Kif sottomess mill-intimati fir-risposta taghhom:

> "Ladarba r-rikorrent dahal fi stat ta' illegalita' kontinwa bil-ksur tal-ligi… l-attivita' li r-rikorrent ikompli jrabbi n-naghag tikkostitwixxi theddida ghas-sahha pubblika u ghalhekk, huwa importanti li l-kondizzjonijiet ordnati jigu attwati proprju sabiex il-problema ma tkomplix tikber u taggrava ruhha".

31. Ghaldaqstant din il-mizura imposta fid-digriet appellat la hija irragjonevoli u lanqas sproporzjonata ghall-fatti tal-kaz.

32. [2] Illi l-allegazzjoni tal-appellant ta' diskriminazzjoni kontra tieghu hija ghall-finijiet ta' dan il-gudizzju irrelevanti ghax il-perikolu ta' kontaminazzjoni fuq spjegat xorta jibqa' jissussisti. Apparti minn hekk l-appellant ma indika ebda bazi ta' *status* tad-diskriminazzjoni allegata minnu. Dan apparti li ma gew prodotti ebda provi tal-fatti li fuqhom tistrieh l-allegazzjoni ta' diskriminazzjoni.

33. Finalment jinghad li, anke jekk ghal grazzja tal-argument huwa minnu li, fil-kaz ta' rahhala ohra li qeghdin fl-istess pozizzjoni tieghu d-Direttur mexa' mod iehor billi wara li gew ittegjati n-naghag mhux registrati hadulhom kampjun tad-demm sabiex isiru t-testijiet opportuni fuq il-merhla, xorta ma jeskolpax lill-appellant u xorta jibqa' jissussisti l-perikolu li, mill-merhla tieghu jinfirex il-mard li dawn l-annimali jista' jkollhom, b'dannu ghas-sahha pubblika.

34. Ghaldaqstant dan l-ilment huwa infondat.

[3] Rigward il-kondizzjoni li l-halib li tipproduci l-merhla ghandu jintrema din il-Qorti tosserva li r-raguni wara din il-kondizzjoni hija l-istess wahda indikata fl-ewwel konsiderazzjoni, jigifieri li tigi eliminata l-possibilita` li kemm il-merhla kif ukoll il-halib prodott minnha jsib ruhu fil-katina tal-ikel meta ghad hemm suspett li l-merhla tista' tkun marida jew iggorr mard li jista' jigi trasmess lil merhliet ohra jekk mhux ukoll lill-konsumaturi.

35. Ghaldaqstant din il-kondizzjoni hija mehtiega, mhux biex imutu l-friegh kif qed jsostni l-appellant, imma biex tigi assikurata s-sahha pubblika fl-interess pubbliku. Ghalhekk anke dan l-ilment huwa infondat.

36. [4] Rigward l-ilment dwar l-ispejjez li l-appellant ser ikollu jinkorri meta jmut xi animal mill-merhla tieghu, din il-Qorti taqbel mal-intimati li n-necessita` li jsiru dawn l-ispejjez inholqot kagun tal-fatt li l-appellant iddecieda li jikkonduci attivita` minghajr ma jottempera ruhu mar-regolamenti appoziti u b'hekk pogga lilu n-nifsu fi stat ta' illegalita`. Ghalhekk l-appellanti ma jistax jippretendi b'success li d-Direttur intimat jimxi mieghu bil-mod kif jimxi s-soltu ma' rahhala ohra li l-pozizzjoni taghhom tkun konformi mar-regolamenti relevanti, ghax il-pozizzjoni tieghu ma tistax tigi meqjusa fid-dawl ta' dak li solitament isir, izda ghandha titqies fid-dawl tal-fatt li s-sitwazzjoni li ghazel li jidhol fiha l-appellanti hija wahda illegali.

37. [5] Ghall-istess raguni, kif ukoll tenut kont tal-ammont tal-garanzija bankarja indikat fid-digriet appellat, din il-Qorti tikkonsidra li l-garanzija imposta fuq l-appellant biex jaghmel tajjeb ghall-ispejjez li qed jinkorri d-Direttur intimat minhabba s-sitwazzjoni illegali li holoq l-istess

appellant, hija ragjonevoli u anke proporzjonata tenut kont tad-daqs tal-merhla.

Decide

Ghar-ragunijiet premessi din il-Qorti tichad l-appell u tikkonferma d-digriet appellat, bl-ispejjez a kariku tal-appellant.

| | | |
|---|---|---|
| Silvio Camilleri<br>Prim Imhallef | Giannino Caruana Demajo<br>Imhallef | Noel Cuschieri<br>Imhallef |

Deputat Registratur
mb